**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Numru: 7**

**Rikors Ġuramentat Numru 818/2021 NC**

**BNF Bank plc ġja Banif Bank (Malta) plc (C 41030)**

**vs.**

**Christopher u Ritienne (konjuġi) Borg bħala d-debituri prinċipali u Turnkey Creative Ltd (C68491) bħala garanti solidali mad-debituri prinċipali**

Illum 23 ta' Novembru 2021

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-bank attur ippreżentat fis-16 ta' Awwissu 2021 li jgħid hekk:

> *"1. Illi l-kumpannija esponenti hi bank kummerċjali liċenzjat taħt il-Liġijiet ta' Malta biex fost l-oħrajn issellef flus lill-klijenti tagħha;*

*2. Illi d-debituri prinċipali huma klijenti tal-kumpannija esponenti u ħadu minn għandha:*

*a. House Loan (I) u House Loan (II), rispettivament għas-somom ta' mitejn u ħamsa u erbgħin elf Euro (€245,000) u sebgħin elf Euro (€70,000), konċessi permezz tal-credit agreement datat 13 ta' Novembru 2013 (ara Dok. 'A') u l-kuntratt pubbliku in atti tan-Nutar Dr Sam Abela tal-20 ta' Marzu 2014 (ara Dok. 'B'), u*

*b. MBA Business Loan għas-somma ta' ħamsin elf Euro (€50,000), konċessa permezz ta' credit agreement datat 01 t'Awissu 2016 (ara Dok. 'C') u kuntratt pubbliku in atti tan-nutar Dr Analisa Caruana tat-12 ta' Jannar 2017 (ara Dok. 'D');*

*3. Illi d-debituri prinċipali naqsu milli jħallsu lura s-self u konsegwentement, id-dejn hu kif ġej:*

*a. kwantu l-House Loan (I), l-ammont ta' mitejn u dsatax -il elf, tlett mija u tlieta u erbgħin Euro u sittax-il ċenteżmu (€219,343.16), dovut fuq Account numru 382051 71 001, bl-imgħaxijiet inklużi ta' għaxart elef u ħamsin Euro u tmien ċenteżmi (€10,050.08) kif maħduma l-aħħar fid-29 ta' Lulju 2021 (ara Dok. 'E'), u*

*b. kwantu l-House Loan (II), l-ammont ta' wieħed u sittin elf, seba' mija u ħamsa u għoxrin Euro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€61,725.92), dovut fuq Account numru 382051 71 002, bl-imgħaxijiet inklużi t'elfejn, tmien mija u tmienja u għoxrin Euro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€2,828.25) kif maħduma l-aħħar fid-29 ta' Lulju 2021 (ara Dok. 'F'), u*

*ċ. kwantu l-MBA Business Loan, l-ammont ta' sitta u għoxrin elf, tlett mija u wieħed u tmenin Euro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€26,381.53), dovut fuq Account numru 382051 71 004, bl-imgħaxijiet inklużi t'elfejn, mitejn u tnejn u sittin Euro u ħdax-il ċenteżmu (€2,262.11) kif maħduma l-aħħar fid-29 ta' Lulju 2021 (ara Dok. 'G');*

*4. Illi d-debituri prinċipali għandhom mal-kumpannija esponenti, l-Micro Business Current Account numru 382051 10 002 (ara Dok. 'H') u fuq dan il-kont, hemm dovut l-ammont t'elfejn, sitt mija u tnejn u għoxrin Euro u tlieta u disgħin ċenteżmu €2,622.93) fi spejjeż Bankarji varji konnessi mal-faċilitajiet Bankarji fuq imsemmija u dan l-ammont jinkludi mgħaxxijiet ta' għoxrin Euro u sitta u disgħin ċenteżmu (€20.96) kif maħduma l-aħħar fid-29 ta' Lulju 2021 (ara Dok. 'I');*

*5. Illi in vista tas-suespost, l-ammont komplessiv dovut hu ta' tlett mija u għaxart elef u tlieta u sebgħin Euro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€310,073.54);*

*6. Illi d-dejn fuq imsemmi, sar dovut fl-intier tiegħu mid-debituri prinċipali lill-kumpannija esponenti, kwantu l-House Loans fuq imsemmija, ai termini ta' klawsola 15 tal-credit agreement markat Dok. 'A' u ġja msemmi; u kwantu l-MBA Business Loan fuq imsemmi, ai termini ta' klawsola 12 tal-credit agreement markat Dok. 'C' u ġja msemmi, stante li kif qed jistipulaw dawn il-istess klawsoli, seħħew waħda jew aktar mill-Events of Default imsemmijin f'dawn il-credit agreements, partikolarment, iżda mhux esklussivament:*

*"a. Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal, interest, fees, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regulating the Facility,*

*b. The Borrower/s committing any other breach of or omitting to observe any other of the obligations and undertakings as expressed to be assumed by it in the agreement regulating the Facility,*

*n. Any other event which in the Bank's reasonable opinion gives grounds for belief that the Borrower/s may not perform all or any of the obligation/s under or otherwise comply with the terms of the agreement regulating the Facility";*

*7. Illi l-kumpannija intimata, ossija Turnkey Creative Ltd., daħlet garanti solidali mad-debituri prinċipali għas-self fuq*

*imsemmi u dan ai termini ta' kuntratt ta' garanzija datat 15 ta' Marzu 2017 (ara Dok. 'J'). In virtu` ta' dan il-kuntratt ta' garanzija, l-imsemmija kumpannija intimata hija kwindi responsabbli solidalment mad-debituri prinċipali sabiex tħallas id-dejn marbut mas-self, u dana skond kif patwit minnha f'dak l-istess kuntratt;*

*8. Illi l-kumpannija esponenti ttentat tinterpella lill-intimati diversi drabi biex iħallsuha d-dejn, fosthom permezz t'ittra legali datata 13 t'Ottubru 2020 u (ara Dok. 'K') u ittra uffiċjali numru 1931/2021 datata 10 ta' Mejju 2021 u preżentata fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti (ara Dok. 'L') iżda dawn baqgħu inadempjenti;*

*9. Illi l-kreditu tal-kumpannija esponenti huwa ċert, likwidu u dovut u l-intimati m'għandhomx eċċezzjonijiet x'jagħtu f'dan ir-rigward kontra t-talbiet esponenti;*

*10. Illi għalhekk jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-Liġi a tenur ta' l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq premessi, l-kumpannija esponenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*1. taqta' u tiddeċiedi dina l-kawża bid-dispensa tas-smigħ, ai termini tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u*

*2. tiddikjara li l-intimati huma solidalment bejniethom, debituri tal-kumpannija esponenti fl-ammont ta' €310,073.54 b'dana li r-responsabilta' tal-ħlas tal-garanti solidali Turnkey Creative Ltd. tkun skond kif patwit minnha fil-kuntratt ta'garanzija rispettiv;*

*u*

*3. tikkundanna lill-intimati solidalment bejniethom, iħallsu lill-kumpannija esponenti l-ammont ta' €310,073.54 b'dana li r-*

*responsabilta' tal-ħlas tal-garanti solidali Turnkey Creative Ltd. tkun skond kif patwit minnha fil-kuntratt ta' garanzija rispettiv,*

*Bl-ispejjeż, bank charges u fees u bl-imgħaxijiet mid-29 ta' Lulju 2021 sad-data tal-pagament effettiv u dan kollu ai termini tal-credit agreements fuq imsemmija u markati Dok. 'A' u Dok. 'C'; it-terms and conditions relattivi għall-Micro Business Current Account kontenuti f'Dok. 'H'; it-tariff of charges relattivi għall-House Loans (ara Dok. 'M'); u t-Tariff of Charges relattivi għall-MBA Business loan u l-Micro Business Current Account (ara Dok. 'N').*

*L-imgħaxijiet qed jintalbu bir-rati segwenti:*

*1. bis-seba' punt ħamsa ħamsa fil-mija (7.55%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq l-House Loan Accounts numri 382051 71 001 u 382051 71 002 fuq imsemmija, u dan skond kif stipulat fi klawsoli 6 u 15 tal-credit agreement markat Dok. 'A' u msemmi aktar 'l fuq, u*

*2. bil-ħdax punt wieħed ħamsa fil-mija (11.15%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq MBA Business Loan Account numru 382051 71 004 fuq imsemmi u dan skond kif stipulat fi klawsoli 4 u 12 tal-credit agreement markat Dok. 'C' u msemmi aktar 'l fuq,*

*u*

*3. bil-għaxra fil-mija (10%) kwantu l-ammont dovut fuq Micro Business Current Account numru 382051 10 002 fuq imsemmi,u dan skond kif stipulat fit-Tariff of Charges relattiva markata Dok. 'N' u msemmija aktar 'l fuq (ara markar bl-ahdar fuq Dok. 'N');*

*L-intimati huma minn issa nġunti għas-subizzjoni u dan b'rizerva għal kull dritt ieħor spettanti lill-kumpannija esponenti fil-konfront tal-istess intimati".*

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan il-każ.

Rat id-digriet tas-26 ta' Awwissu 2021 li permezz tiegħu din il-kawża ġiet appuntata għas-seduta tad-19 ta' Ottubru 2021 u li l-konvenuti ġew ordnati sabiex jidhru dakinhar u, fin-nuqqas, il-Qorti kienet ser tgħaddi biex tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tal-bank attur.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Ottubru 2021 fejn, wara li l-Qorti semgħet lill-konvenut Borg jixhed minn jeddu u wara li l-konsulenti legali tal-partijiet għamlu s-sottomissjonijiet tagħhom dwar jekk il-kawża kelliex tibqa' waħda bil-giljottina jew le, il-Qorti dehrilha li l-konvenuti kellhom eċċezzjonijiet *prima facie* fil-liġi jew fil-fatt xi jġibu kontra l-mertu tal-azzjoni tal-bank attur u b'hekk akkordat żmien ta' għoxrin ġurnata lill-konvenuti sabiex jippreżentaw ir-Risposta Ġuramentata tagħhom.

Rat in-Nota tal-bank attur ippreżentata fl-4 ta' Novembru 2021 fejn il-Qorti ġiet infurmata bis-segwenti:

*"li fil-mori tal-kawża, sar ħlas akkont tal-ammont dovut lilha mill-konvenuti. Għaldaqstant qed tirriduċi l-ammont mitlub minnha, għal mitejn u wieħed u sebgħin elf, ħames mija u sitta u tmenin Euro u disa' ċenteżmi (€271, 586.09), oltre l-imgħaxijiet u bank charges u fees kwantu s-somma li għadha dovuta u l-ispejjeż legali kollha, skond kif mitlub fir-Rikors Ġuramentat. Imgħaxijiet u Bank charges u fees ġew kalkolati l-aħħar fit-2 ta' Novembru 2021 u għalhekk mal-bilanċ fuq imsemmi għandhom jiżdiedu l-imgħaxijiet u Bank charges u fees li jkunu akkumulaw minn din id-data sad-data ta' meta jsir il-ħlas effettiv ta' tali bilanċ".*

Rat in-Nota tal-konvenuti Christopher u Ritienne konjuġi Borg bħala d-debituri prinċipali ppreżentata fl-4 ta' Novembru 2021 fejn fiha nfurmaw lill-Qorti li kienu qegħdin jammettu t-talbiet tal-bank attur hekk kif redotti.

Rat in-Nota tas-soċjeta' konvenuta Turnkey Creative Ltd (C68491) bħala garanti solidali mad-debituri prinċipali Christopher u Ritienne konjuġi Borg ppreżentata fl-4 ta' Novembru 2021 fejn fiha

nfurmat lill-Qorti li kienet qiegħda tammetti t-talbiet tal-bank attur hekk kif redotti.

Semgħet, fis-seduta tallum, lill-konvenuti jinfurmaw lill-Qorti li kienu qed jirreġistraw ammissjoni wkoll fir-rigward tal-*bank charges* hekk kif mitluba fir-Rikors Ġuramentat u hekk kif indikat fin-Nota tal-bank attur ippreżentata fl-4 ta' Novembru 2021 hawn fuq imsemmija.

Semgħet, fis-seduta tallum, lill-konvenuti jergġħu jtennu quddiem il-Qorti l-ammissjoni tagħhom għat-talbiet tal-bank attur u dan in segwitu tar-riduzzjoni tal-ammont mill-bank attur tal-ammont dovut minnhom, f'liema seduta l-partijiet qablu li l-Qorti setgħet tagħti s-sentenza minnufih.

**Ikkunsidrat**

Illi l-kawża odjerna tirrigwarda radd lura ta' flus mogħtija mill-bank attur lill-konvenuti flimkien u li s-socjeta' konvenuta Turnkey Creative Ltd. daħlet garanti solidali mal-konvenuti u li l-ammont in kwistjoni meta ġiet intavolata l-kawża odjerna kien dak ta' €310,073.54 u li permezz tan-Nota aktar-il fuq imsemmija u ppreżentata mill-bank attur, il-bank attur irriduċa l-ammont mitlub għal €271,586.09. Minbarra dan, il-bank attur irid jiġbor ukoll l-ispejjeż, il-*bank charges* u *fees*, u l-imgħax.

Illi l-konvenuti ppreżentaw u ffirmaw Noti skont Artikolu 180(2)(i) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li bihom ammettew għat-talbiet kollha kif redotti mill-bank attur.

**Ikkunsidrat**

Illi Artikolu 693 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra hekk:

> "Kull ammissjoni ta' fatt, sew bil-miktub kemm bil-fomm, magħmula fil-qorti kemm barra mill-Qorti, tista' tittieħed bħala prova kontra l-parti li tagħmilha".

Illi fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Kimberley Joy Agius vs. Direttur tas-Sigurta' Soċjali** deċiża fis-6 ta' Ottubru 2010, il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) saħqet is-segwenti:

> "Illi, kif deċiż, skont il-liġi tal-proċedura, l-ammissjoni hija *regina probationum* u biżżejjed biex il-każ jingħalaq. Ara **Carmelo Bonnici nomine vs. Ronald Farrugia et**, Appell Ċivili, 26 ta' Ottubru, 1970."

Illi l-Qorti hija tal-fehma li jkun opportun li tagħmel riferenza għal dak li ngħad f'sentenza mogħtija fis-6 ta' Ottubru 2020 fil-kawża fl-ismijiet **Maria Grima vs. Alfred Attard et**, fejn il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) qalet hekk:

> "Fil-fehma tal-Qorti l-appellata għandha raġun, fid-dawl tal-ammissjoni tal-konvenut l-ewwel Qorti kellha tgħaddi biex tilqa' t-talbiet attriċi fuq ammissjoni u mhux tiddikjara l-mertu eżawrit".

**Ikkunsidrat**

Illi ladarba fil-każ odjern il-Qorti għandha Nota ta' Ammissjoni tal-konvenuti konjuġi Borg bħala d-debituri prinċipali (miktuba u ffirmata minnhom stess) u għandha wkoll Nota ta' Ammissjoni tas-socjeta' konvenuta Turnkey Creative Ltd. bħala garanti solidali mad-debituri prinċipali l-konjuġi Borg (miktuba u ffirmata mill-konvenut Christopher Borg bħala direttur tas-soċjeta' konvenuta), permezz ta' liema Noti ddikjaraw li kienu qed jammettu t-talbiet tal-bank attur hekk kif redotti, b'hekk la hemm qbil minn naħa tal-konvenuti fir-rigward ta' dak mitlub u redott mill-bank attur, il-Qorti m'għandhiex għalfejn tagħrbel dwar is-siwi tat-talbiet imressqa mill-bank attur. Di fatti, il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza mogħtija minnha fit-22 ta' Ottubru 2021 fil-kawża fl-ismijiet **HSBC Bank Malta plc vs. Justin Micallef Grimaud** meta qalet hekk:

> "Dan hu hekk għaliex, *confessus pro iudicato est, qui quodammodo sua sententiae damnatur* – li maqlub għall-Malti

tfisser – li dak li jammetti waqt il-proċess jikkundanna lilu nnifsu u għalhekk jiġi li jiddetta s-sentenza tiegħu stess."

Illi l-Qorti ser tieħu konjizzjoni tan-Nota ppreżentata mill-bank attur fl-4 ta' Novembru 2021 meta rriduċa l-ammont oriġinarjament pretiż, inkluż dak li ngħad fl-istess Nota fir-rigward ta' spejjez legali, imgħax, u *bank charges* u *fees*.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(1) Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel (1) talba *stante* li din ġiet sorvolata fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2021;

(2) Tilqa' it-tieni (2) u t-tielet (3) talba tal-bank attur limitatament għas-somma ta' mitejn u wieħed u sebgħin elf, ħames mija u sitta u tmenin Euro u disa' ċenteżmi (€271,586.09), bl-imgħaxijiet u *bank charges* u *fees* mit-2 ta' Novembru 2021 sad-data tal-ħlas effettiv.

Tordna wkoll li l-ispejjez kollha marbuta ma' dawn il-proċeduri hekk kif mitluba fir-Rikors Ġuramentat tal-bank attur jitħallsu kollha kemm huma mill-konvenuti.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**